

Brussell, 10 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11801/26

Fajl Interistituzzjonali:
2013/0072 (COD)

AVIATION 114
CONSOM 234
CODEC 1433
PE 96

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 261/2004 li jstabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u r-Regolament (KE) Nru 2027/97 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru fejn jidhul it-trasport bl-ajru tal-passiġġieri u l-bagalji tagħhom - Eżitu tat-tielet qari tal-Parlament Ewropew (Strażburgu, mis-6 sad-9 ta' Lulju 2026)

I. INTRODUZZJONI

Il-Kunsill kien iddeċieda li ma japprovax l-emendi tat-tieni qari tal-Parlament Ewropew fl-24 ta' Marzu 2026. Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni ltaqa' fl-20 ta' April u fit-2 ta' Ġunju 2026. Wara skambju ta' ittri bejn il-kopresidenti tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fit-12 u l-15 ta' Ġunju 2026, il-kopresidenti tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni kkonfermaw fil-15 ta' Ġunju 2026 lill-President tal-Parlament Ewropew u lill-President tal-Kunsill li l-Kumitat approva test konġunt.

Ir-Rapporteur, is-Sur Andrey NOVAKOV (PPE, BG) u l-President tad-delegazzjoni tal-Parlament Ewropew għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, is-Sa Roberta METSOLA (PPE, MT), ippreżentaw rapport lill-plenarja li fih jirrakkomandaw l-approvazzjoni tat-test konġunt, wara r-reviżjoni tiegħu mill-ġuristi lingwisti.

II. VOT

Skont l-Artikolu 294(13) TFUE fis-7 ta' Lulju 2026, il-Parlament Ewropew approva t-test konġunt li jirrifletti l-eżitu tal-laqgħat tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni.

It-test tar-risoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew huwa anness ma' din in-nota.

III. ADOZZJONI TAL-ATT LEĠIŻLATTIV WARA T-TIELET QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

Il-Kunsill ser japprova t-test konġunt f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.

Ladarba l-Parlament Ewropew u l-Kunsill japprovaw l-eżitu tal-laqgħa tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, ir-Regolament jiġi adottat fil-forma tat-test konġunt, kif previst fl-Artikolu 294(13) TFUE.

Wara l-iffirmar tiegħu mill-President tal-Parlament Ewropew u l-President tal-Kunsill, ir-Regolament ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

P10_TA(2026)0238

Id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Lulju 2026 dwar it-test konġunt, approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 261/2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitolgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u r-Regolament (KE) Nru 2027/97 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru, fejn jidħol it-trasport bl-ajru tal-passiġġieri u l-bagalji tagħhom (PE-CONS 00039/2026 – C10-0144/2026 – 2013/0072(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tielet qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni (PE-CONS 00039/2026 – C10-0144/2026),
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-11 ta' Lulju 2013¹,
- wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Reġjuni,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari² dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0130),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fit-tieni qari³ dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari⁴,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-emendi tal-Parlament għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (COM(2026)0129),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fit-tieni qari,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(13) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 79 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

¹ ĠU C 327, 12.11.2013, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/en/TXT/?uri=celex:52013AE2576>.

² ĠU C 93, 24.3.2017, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=celex%3A52014AP0092>/Testi adottati, 5.2.2014, P7_TA(2014)0092.

³ Testi adottati, 21.1.2026, P10_TA(2026)0009.

⁴ ĠU C, C/2025/5782, 30.10.2025, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=celex%3A52025AG0010%2801%29>.

- wara li kkunsidra r-rapport tad-delegazzjoni tiegħu għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni (A10-0191/2026),
 - 1. Japprova t-test konġunt;
 - 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
 - 3. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri kollha ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
 - 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-risoluzzjoni leġiżlattiva lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.
-